**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 597/2019**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Eman Hayman]**
**[Spettur Clayton Camilleri]**

**vs**

**Keith Delia**

**Illum, l-01 ta' Frar 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva nhar l-1 ta' Ottubru 2019 kontra:

> **Keith Delia** ta' 36 sena, iben Carmel u Carmen nee' Cardona, imwieled il-Pieta' nhar il-25 ta' Mejju 1983, resident 86, Triq Pawl Caruana, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' numru 281883M;

U nakkuzah talli nhar id-29 ta' Settembru, 2019 fil-hinijiet ta' bejn id-20:00 u 23:45 gewwa Naxxar u inhawi ohra madwar il-gzejjer:

1. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ilona Galea ID 56691M, hekk kif iccertifikat Dr. Maria Ciantar (Med Reg 4253) mill-isptar Mater Dei;

2. Hebb ghas-siehba tieghu Ilona Galea ID 56691M sabiex jingurjha, iddejaqha jew jaghmilha hsara b'xi mod;

3. Kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijja band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

U nakkuzah wkoll talli il-lejl ta' bejn id-29 ta' Settembru, 2019 u t-30 ta' Settembru, 2019 bejn il-hinjiet ta' 23:45 u 02:00 gewwa Bormla:

5. Attakka jew għamel retistenta bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni 'nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe Spettur Eman Hayman, PC 1055 Mark Della, PC 1577 Wayne Agius, filwaqt li kienu qed jagixxu jew diga' kienu agixxew għall-esekużżjoni tal-ligi jew ta' ordni mogħti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti.

6. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiza fuq persuni inkariġati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe Insp Eman Hayman, PS 31 Mario Farrugia ,PC 1055 Mark Delia, PC 1577 Wayne Agius, PC 595 Jean Claude Abela u PC 1489 Jason Attard waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-serviżż, jew bil-ħsieb li jbezza jew li jinfluwenza fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

7. Ma obdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe Insp Eman Hayman, PS 31 Mario Farrugia, PC 1055 Mark Della, PC 1577 Wayne Agius, PC 595 Jean Claude Abela u PC 1489 Jason Attard jew ma ħallijhomx jew fixkilhom waqt li kien qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirhom, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li haddieħor kun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqgha' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra tal-Kap 9 tal-Ligijiet at Malta.

8. Hebb ghas-siehba tieghu Ilona Galea ID 56691M sabiex jingurjha, iddejaqha jew jaghmilha hsara b'xi mod

9. Kiser Il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

U talli nhar id-29 ta' Settembru, 2019 ghal habta ta' 23:45 u fis-sieghat ta' qabel

10. Ikkaġuna lis-siehba tieghu, Ilona Galea ID 56691M, biza li se tintuta vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha.

Il-Qorti hija gentilment mltluba li tohrog ordni ta protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Keith Delia a beneficju ta' Ilona Galea u familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' Ilona Galea jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Keith Delia b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xeraq.

Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta lil imputtat bhala ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta, b'diversi sentenzi li saru definitivi u ma jistux jigu mibdula.

Filwaqt li qedin nipprezentaw certifikat tat-twelid ta' l-imputat kif ukoll il-fedina penali ta' l-imputat Keith Della, nitlob li l-kaz taghha jinstema skond il-ligi."

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu meta gie imressaq b'arrest quddiem il-Qorti.[1]

[1] A folio 21 tal-process

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[2].

Hadet nota tal-istqarrija tal-imputat prezentata in atti a folio 19 tal-process.

Hadet nota tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali, u cioe' Artikoli 17, 31, 533, 214, 216, 95, 96, 251B, 383, 49, 50, 339(d), 338(dd), 339 (e), 338(ee), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-bazi tal-akkuza.[3]

Hadet nota ukoll li l-imputat ma oggezzjonax u ta l-kunsens tieghu biex jigi iggudikat minn din il-Qorti fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020[4].

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet ix-xhieda,

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

[2] A folio 8-9 tal-process.
[3] A folio 132 tal-process.
[4] A folio 134 tal-process.

Dan il-kaz jirrigwarda argument li sehh fl-inhawi tan-Naxxar fid-29 ta' Ottubru 2019 u mbaghad kompla fi bnadi ohra bejn l-imputat Keith Delia u l-allegata vittma Ilona Galea li dak iz-zmien kienet is-siehba tieghu. Jidher li f'hin minnhom l-imputat aggredixxa kemm b'mod verbali kif ukoll fizikament lil Ilona Galea quddiem bintha minuri. Wara xi hin fl-istess jum Ilona Galea marret taghmel rapport fl-ghassa tal-pulizija ta' Bormla u kien f' dak il-hin li l-imputat mar ukoll fl-istess ghassa u rega' ingurja u insulenta lill-vittma waqt li kien qed jigi imrazzan mill-pulizija. Jidher ukoll li l-imputat ukoll hebb, ingurja u ghajjar lill-ufficjali tas-sigurta pubblika u ma obdiex l-ordnijiet legittimi taghhom.

Il-vittma giet invistata minn diversi tobba u d-diversi griehi taghha gew ikklassifikati li huma gravi.

**Il-Provi**

Xehdet **Ilona Galea** waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2019 fejn spjegat li hija, l-imputat Delia li gharfet fl-awla u bintha minuri marru jieklu. Dan kien il-Hadd f'Settembru 2019. Tkompli tghid li wara marru jiehdu drink Bugibba. Tghid li Keith bezqilha go wiccha u beda johrogilha subajh tan-nofs u hassitha li bdiet taqa' ghac-cajt.[5] Izzid tghid li waqt li kienu sejrin lejn il-karrozza qaltlu li r-relazzjoni taghhom kienet spiccat. Meta dahlu fil-karrozza hija regghet ikkonfermat li ma tridx tibqa' fir-relazzjoni u l-imputat qabadha minn xaghrha u beda jaghtiha. Tghid li l-imputat kien qed isuq il-karozza hu u sejjer lejn id-dar, Bormla, u beda jaghtiha. Beda jaqbadha minn xaghrha, ihabbatha mal-bieba tal-vettura u mad-*dashboard*. F'hin minnhom tefaghha fuq kuxtejh u beda jaghtiha bil-ponn fuq widnejha. F'hin minnhom peress li ma felhitx taqla' aktar qaltlu biex jieqaf u

[5] Folio 51 tal-process.

nizzilha is-Salini vicin hotel u fil-fatt nizlet mat-tifla li kienet maghha fil-vettura ukoll. F'dak il-waqt kien hemm xi nies li tawha l-ghajnuna u zammewlha lit-tifla pero' ftit wara rega' gie hu u hi u t-tifla telghu mieghu ghax ma riditx li l-affarijiet jikbru. Kompliet "Pero' wara li tlajt hu rega' beda jaghtini." Meta waslu d-dar bdiet tfittex l-affarijiet taghha u ma setetx issibhom u wara hadet it-tifla maghha u baqghu sejrin l-ghassa. Tghid li hija harbet lejn l-ghassa hafja u zzid tghid li t-tifla kienet il-hin kollu maghha. It-tifla ghandha hames (5) snin. Tghid li l-ghassa regghet ratu ma' wiccha u hu ghamel hafna storbju u ghajjat. Tghid li l-pulizija gol-ghassa ippruvaw jikkalmaw lill-imputat. Tghid ukoll li l-pulizija l-ewwel haduha il-polyclinic imbaghad Mater Dei u ssostni li qalghet hafna mid-daqqiet bil-ponn go rasha. Tishaq li hu beda jaghtiha meta l-karrozza bdiet miexja. Ix-xhud ukoll ezebiet tlett ritratti u zewg rapporti medici.[6] Issostni li hija ghamlet erbat (4) ijiem Mater Dei u xi jiem Monte Carmeli biex tohrog mit-trawma wara l-akkadut. Tghid li t-tifla haduha Wonderland meta hija kienet l-isptar ghax ukoll kellha xokk fuqha.[7]

**L-Ispettur Eman Hayman** xehed waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2019 fejn stqarr li ghall-habta tal-10.30 pm tad-29 ta' Settembru 2019 kien xoghol u kien l-ghassa ta' Bormla meta dahlet Ilona Galea mimlija demm. Kienet qed tghajjat u ftit wara dahal l-imputat li huwa gharaf fl-awla. L-imputat hebb ghaliha go l-ghassa u kien hemm ghalhekk bzonn l-intervent tal-pulizija u beda jghidilha li ha 'tahxilu l-plegg'. Ghalkemm gie ordnat biex jikkalma u jpoggi fuq siggu dan baqa' ma kkoperax mal-pulizija u beda jghajjat u jidghi. Beda jghid li hu 'ghal zobbu mill-gustizzja' u affarijiet bhal dawn. Barra minn dan qal li li x-xhud li kien ser jobzoqlu u anki li ha joqtlu. Hu beda jghid lill-Pulizija li kienu hemm li ma jibzax minnhom. L-ghada gie interrogat minnu u

[6] Folio 61 tal-process.
[7] Folio 63 tal-process.

mill-Ispettur Camilleri u kien skuza ruhu mieghu tal-kliem li qallu l-gurnata ta' qabel pero' stqarr li ma kienx qed jiftakar xejn minn dak li qal.[8] L-Ispettur Hayman rega' xehed fit-23 ta' Jannar 2020 fejn ezebixxa zewg sentenzi kif ukoll filmati ta' dak li gara l-ghassa tal-Pulizija.[9]

**Xehed PC 1055 Mark Delia** waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2020 fejn ikkonferma li l-imputat pprova jhebb ghal Ilona Galea waqt li hija marret ghal kenn gol-ghassa u biex issib l-ghajnuna hemm.[10] L-imputat beda joffendiha kif ukoll kien aggressiv mieghu u ma' PC 1055 u PC 1577 kif ukoll mal-Ispettur Hayman. Ghalkemm ippruvaw jikkalmawh hu beda jghidilhom li kien ghala 'zobbu' minnhom u affarijiet bhal dawn. Semghu jghid li kien ser jobzoq lill-Ispettur u b'hekk kellu jigi arrestat. Jiftakar li hu kien wassal lill-vittma l-polyclinic u wara l-isptar. Jghid li hu kien aggressiv mal-Pulizija.

**Xehed ukoll PC 1489 Jason Attard** waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2020 fejn jghid li hu kien l-ghassa Wied il-Ghajn u nizel l-ghassa ta' Bormla ghax issejjah hemm u sab lill-imputat.[11] Meta wasal kien qed jinzamm minn PC 1577 u kien immanetjat. Jiftakar li kien aggressiv u beda jirrezisti lill-Pulizija u beda joffendi u jkellem hazin lill-Ispettur. Jispjega li haduh il-polyclinic ta' Rahal il-Gdid u wara haduh Monte Carmeli ghal kura. Izid jghid li l-atteggjament aggressiv tieghu dam madwar siegha.

**Xehed PC 595 Jean Claude Abela** waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2020 u jghid li kien stazzjonat fil-jum u l-hin mertu ta' dawn il-proceduri l-

[8] Folio 79 tal-process.
[9] Folio 89 tal-process.
[10] Folio 101 tal-process.
[11] Folio 103 tal-process.

ghassa ta' Bormla.[12] Hu jghid li l-vittma u bintha gew gewwa l-ghassa tard bil-lejl u nnota li Galea kellha griehi u dmija ma' wiccha. Il-vittma stqarret li ftit qabel kienet ghada kemm giet aggredita mill-imputat li dan tal-ahhar ukoll dahal gewwa l-ghassa u meta raha titkellem mal-Pulizija sar aktar aggressiv tant li kellhom izommuh. Hu pero' baqa' joffendi lil Ilona Galea u lill-Pulizija. Hemmekk l-Ispettur Hayman ordna l-arrest tieghu u kellha tintuza xi forza biex jigi mmanettjat. L-imputat qal ukoll lill-Ispettur li ser jobzoqlu. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla u kkonferma li Ilona Galea kellha tifla, jispjega kif ippruva jaljena lit-tifla u kif pero' hija lahqet rat u semghet xi affarijiet li bdew jigru.

**Xehed PC 1577 Wayne Agius** fejn ikkonferma li kien xoghol l-ghassa ta' Bormla meta dahhlet il-vittma u meta dahal ftit wara l-imputat prova jhebb ghaliha u gie imwaqqaf mill-pulizija li kienu hemm. Hu kkonferma li sema' lill-imputat li kien ser imur ghall-Ispettur u li kien ser jobzoqlu. Ikkonferma li l-incident dam bejn tletin minuta u siegha u kkonferma li hadu lill-arrestat l-ewwel il-poliklinika ta' Rahal il-Gdid imbaghad Monte Carmeli.[13]

**Xehdet Dr. Maria Ciantar** waqt is-seduta tat-22 ta' Settembru 2020 fejn ikkonfermat id-dokument redatt minnha a folio 17.[14] Tikkonferma li l-griehi fuq Ilona Galea kienu gravi. Ziedet tghid li tiftakar li l-pazjenta kienet qaltilha li kienet aggredita mill-partner taghha.

Xehdet il-Probation Officer **Sarah Bezzina** nhar is-16 ta' Gunju 2021 fejn tghid li fil-passat l-imputat kellu problema tad-droga pero' mar sab l-ghajnuna u ma ghadux juza l-cannabis. Fil-fatt kien qed jigi segwit

[12] Folio 106 tal-process.
[13] Folio 109 tal-process.
[14] Folio 128 tal-process.

mill-Caritas u mill-kampjuni li hadu rrizultaw fin-negattiv. L-aktar problemi li ghandu kienu ta' 'anger management'. Tghid li hu dejjem kien fil-hin ghall-appuntamenti u l-unika problema li tara hija ta' 'anger management' li jrid jindirizzaha.[15] Hi pprezentat ir-rapport taghha a folio 145 tal-process.

Xehed **Matthew Fleri Soler** ufficjal tal-Probation fejn in sustanza kkonferma dak li intqal u kitbet il-kollega tieghu Sarah Bezzina u ssuggerixxa ordni ta' Probation kif ukoll ordni ta' Trattament biex jindirizza l-anger management issues.[16] Ix-xhud ezebixxa wkoll rapport li gie immarkat a folio 173 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Illi ma hemmx dubju li l-imputat agredixxa, minghajr ma gie pprovokat, lill-vittma u din l-aggressjoni saret fuq perjodu twil u konsiderevoli ta' hin minn Bugibba sa Bormla. Mhux hekk biss wara l-ewwel parti tal-aggressjoni, hi nizlet mill-vettura u meta regghet telghet biex l-imputat ma jkollux xi jghid ma' terzi estranji li ppruvaw jghinuha hija regghet giet aggredita b'mod selvagg. Mhux hekk biss izda meta aktar tard marret biex tfittex l-ghajnuna ghand il-Pulizija hija giet segwita minnu. Dan kollu gara fil-prezenza ta' bint il-vittma li hija minuri ta' eta' tenera hafna. Il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-vittma hija kredibbli u konsistenti u bl-ebda mod ma giet attakkata mid-difiza. L-istess verzjoni hija kkorraborata b'mod indirett, tal-anqas fuq dak li gara qabel ma rrikorriet l-ghassa, mill-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija. Din l-aggressjoni li grat ghax il-vittma infurmat lill-imputat li kienet ser titilqu wara li sfat umiljata minnu fil-pubbliku ghax bezqilha, saret fil-maggor parti taghha fil-pubbliku tant

[15] Folio 141 tal-process.
[16] Folio 170 tal-process.

li setghu jarawha terzi li ppruvaw jghinuha. Biex tikkomplika s-sitwazzjoni tal-imputat, dan l-agir gravi ghamlu quddiem tifla ta' hames snin, omm il-vittma, li jirrizulta ukoll mill-atti li kellha tiddahhal ghal kura psikologika minhabba t-trawma li sofriet.

Ghalkemm mill-atti jinghad li l-offiza hija wahda gravi, mill-istess atti pero' ma jirrizultax li dak deskritt jaqa' fil-parametri ta' dak stabbilit fl-Artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant il-Qorti ser issib lill-imputat hati taht l-artikolu 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

L-Avukat Generali jghid li l-imputat ghandu jinstab hati ukoll taht l-artikoli 251B.

Biex jissussisti r-reat taht l-artikolu 251B il-ligi tesigi li jkun hemm *course of conduct*. Dan ampjament ma jirrizultax mill-atti. Hu vera li l-aggressjoni sehhet fuq perjodu ta' hin pjuttost twil izda din sehhet fl-istess gurnata u bl-ebda mod ma intwera li kien hemm xi attakk jew aggressjoni fil-passat kif jitlob l-imsemmi artikolu.

Ikompli jinghad li l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni tlett elementi biex dan ir-reat jigi ppruvat, ossija li:

1. L-imgieba ta' imputat tkun tali li
2. Permezz taghha huwa jikkaguna lil haddiehor
3. Biza' li ser tintuza vjolenza kontra l-persuna jew proprjeta' tieghu jew ta' persuni qrib tieghu skont kif imfisser.

Barra minn dan tali imgieba trid tkun mifruxa fuq aktar minn okkazjoni wahda. Incident wahdieni maghmul f'okkazjoni wahda mhux bizzejjed biex jirrizulta dan ir-reat. Irid ikun hemm aktar minn episodju wiehed mifrux fuq aktar minn okkazjoni wahda u li turi repetizzjoni. Dan hu kjarament dak li qalu l-Qrati tal-Appell taghna fil-kazijiet segwenti:

**Il-Pulizija vs Alex Caruana Carabez**[17]**; Il-Pulizija vs Massimo Tivisini**[18]**, Il-Pulizija vs Raymond Parnis**[19]**, Il-Pulizija vs Julian Genovese**[20]**, Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar**[21]**, Il-Pulizija vs Brian Micallef** [22]**u il-Pulizija vs Deemer Tabone**[23] fost numru ta' kazijiet ohra.

Fl-ahharnett fuq dan it-tip ta' reat jinghad li x-xhieda tal-parte civile hija ffukata fuq incident wiehed li kif inghad dam xi sieghat u allura ma hemmx dubju li l-elementi ta' dan ir-reat ma jissussistux.

Ghaldaqstant, din il-Qorti mhux issib lill-imputat hati taht l-Artikolu 251B.

**Ikkunsidrat:**

Ghar-rigward tal-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(e) li taqra:

[17] Inghatat fil-21 ta' Gunju 2007.
[18] Inghatat fis-27 ta' Frar, 2009.
[19] Inghatat fl-24 ta' April, 2009.
[20] Inghatat fit-12 ta' Awwissu 2010.
[21] Inghatat fl-24 ta' Jannar 2011.
[22] Inghatat fl-14 ta' Ottubru 2011.
[23] Inghata fl-15 ta' Lulju 2016.

*'jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni';*

Fil-kaz il-**Pulizija vs Joseph Frendo** moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-21 ta' Jannar 2011 intqal:

> *'Fil-kuntest ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplati band' ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettat li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess agent*[24]*.'*

Bl-agir tieghu, jigifieri li sawwat bil-ponn u habbat wicc l-vittma ma' partijiet mill-vettura, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova dak mahsub f'din il-kontravenzjoni. Bl-agir tieghu, meta infurmatu li kienet ser ittemm ir-relazzjoni taghhom u anki meta harbet mir-residenza hafja biex issib refugju ghand il-Pulizija minghajr dubju l-*parte civile* kienet imhassba mhux biss ghas-sigurta' taghha izda ukoll ghal xi haga li seta' jigrilha fil-futur.

Ghaldaqstant il-Qorti ser issib lill-imputat <u>hati</u> taht l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  L-imputat ser jinstab ukoll <u>hati</u> taht l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-istess ragunijiet moghtija aktar 'l fuq.

**Ikkunsidrat:**

---

[24] Kwotata b'approvazzjoni mill-istess Qorti ta' Appell fil-**P vs Caven Cutajar** App Nru. 75/2020 per Imhallef Consuelo Scerri Herrera datata 165 ta' Settembru 2020 pg. 19.

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll taht l-artikoli 95, 96 kif ukoll bil-kontravenzjonijiet 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Bazikament dawn jirrelataw dak li gara fid-dahla u gol-Ghassa ta' Bormla. A skans ta' repetizzjoni dak li ghamel l-imputat qabel ma volontarjament wasal l-Ghassa biex ikompli fil-pjan ta' aggressjoni u intimidazzjoni tal-vittma kompla jgharraq is-sitwazzjoni li diga' ma kienet xejn felici.

Hu ma kkoperax mal-pulizija, beda jghajjat, ma obdiex l-ordnijiet legittimi li kienu qed jaghtuh, beda jitkellem mhux xieraq, jghidilhom li ser jobzoq lill-Ispettur u sahansitra heddu li ser joqtlu. Tant kien aggressiv barra u gewwa l-ghassa li l-Ispettur sahansitra ordna l-arrest tieghu, li jigi immantettjat u l-Pulizija, gustament kellhom juzaw dik il-forza minima li taghtihom il-ligi f'sitwazzjonijiet simili biex izommuh. Bl-agir aggressiv u delinkwenti tieghu hu pprova jindahlilhom f'xoghlhom, jinfluwenzahom kontra l-ligi, jintimidahom u jbezzaghhom.

Fil-kawza **il-Pulizija vs Youssef Rhouni** (App. Nru. 456/2017) deciza fis-27 ta' Frar 2019 per Onr. Imhallef Edwina Grima intqal:

> *Anzi ghal dak li jirrigwarda ir-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, il-Qrati taghna dejjem irritenew illi r-reat kommess kontra membri tal-korp tal-pulizija ghandhom jinghataw certa piz u dan ghandu jigi rifless fil-piena kif imposta li generalment tkun wahda karcerarja specjalment meta jkun hemm uzu ta' vjolenza jew resistenza qawwija.*[25]

[25] Ara ukoll f'dan is-sens **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Rita Zammit** (App. Nru. 477/2017) deciza fil-21 ta' Mejju 2019 per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

Il-fatt li l-ghada qal li ma jiftakar xejn ma hiex difiza tajba ghalih. Il-Qorti issib il-verzjoni tal-ufficjali kollha tal-Pulizija bhala wahda kredibbli u veritiera u ser tistrieh fuqha. Il-fatt li l-ghada skuza ruhu mal-Ispettur ta' dak li gara hu ta' benficcju ghalih u ser jittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' piena.

Dunque mill-assjem tal-provi il-Qorti thoss li l-imputat ghandu jinstab hati taht l-artikoli 95, 96 kif ukoll tal-rtikoli 338(dd) u 338(ee).[26]

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha qeghda biss tattakka r-recidiva taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fuq dan il-punt il-Prosekuzzjoni ma taghmel l-ebda kumment jew sottomissjoni. Il-Prosekuzzjoni ezebit zewg sentenzi, it-tnejn moghtija kontra certu wiehed Keith Delia, ossija xi hadd li almenu prima facie jismu bhal l-imputat.

Fl-ewwel sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), kumpilazzjoni numru 445/2013, fit-13 ta' Ottubru per Magistrat Dottor Natasha Galea Sciberras din il-Qorti tinsab sodisfatta li tirrigwarda l-imputat u fiha inghata l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tmintax-il xahar[27]. MA HEMMX fl-atti jekk din is-sentenza gietx appellata u ghalhekk jekk hix definittiva.[28]

[26] Pieni taht l-artikolu 95 hija bejn Ewro 800 sa Ewro 5,000 filwaqt li il-piena taht l-artikolu 96 hija minn sitt xhur sa sentejn prigunerija U bejn Ewro 4,000 sa massimu ta' Ewro 10,000.
[27] Folio 93 tal-process.
[28] Ara f' dan is-sens per ezempju **Il-Pulizija vs Mario Camilleri** (App. Nru. 131/2018) per Onr. Imhallef Aaron Bugeja deciza fl-24 ta' Frar 2022. Pg. 19. **Il-Pulizija vs Antoine Galea** (App. Nru. 184/2019) deciz fil-11 ta' Jannar 2022 per Onr. Imhallef Aaron Bugeja. Pg. 25.

Ghaldaqstant, ma tistax tigi ikkunsidrata la ai fini tal-artikolu 49 u lanqas ai fini tal-artikolu 50 tal-Kap 9.[29]

Fir-rigward tat-tieni sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per allura Magistrat illum Imhallef Francesco Depasquale fl-14 ta' Frar 2017 fejn certu Keith Delia gie moghti multa ta' elfejn Ewro lanqas f'dan il-kaz ma hemm jekk din is-sentenza hiex *res judicata* u jekk il-multa thallset u meta.[30] Barra minn dan id-dettalji tal-imputat ma jezistux f'din is-sentenza u allura din il-Qorti ma tistax tassumi li qed nitkellmu u nitrattaw fuq l-istess persuna.

Ghaldaqstant, anki f'dan il-kaz u permezz ta' din is-sentenza il-Prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova r-recediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 iccitati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu u ghalhekk taht dawn l-Artikli l-imputat ser jinstab mhux hati.[31]

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza ma tghid xejn dwar in-nuqqas ta' htija ta' dak addebitat lill-imputat hlief li tishaq li ghandu jkun hemm Ordni ta' Probation kif ukoll Ordni ta' Trattament halli jindirizza l-problema li ghandu specjalement ta' *anger management.*

Minn naha l-ohra l-Prosekuzzjoni tishaq li hija ppruvat kull akkuza inkluz dik tar-recediva pero' huma ukoll jaqblu li ghandu jkun hemm Ordni ta' Probation kif ukoll Ordni ta' Trattament. Jinsistu ukoll li jkun hemm multa ghalkemm din ghandha tkun fil-minimu taghha.

---

[29] **Il-Pulizija vs Rita Zammit**, ikkwotata aktar 'l fuq, pg. 14

[30] Ara ukoll **Il-Pulizija (Spt. S. Mallia u Spt. R. Mercieca) vs Anthony Borg** App. Krim. 249/2009 deciza fis-16 ta' Novembru 2009 per Onr. Imhallef Joseph Galea Debono, pg.7.

[31] Ara f' dan is-sens fost l-ohrajn **Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) vs Jason James Agius** (App. Nru. 105/2001) deciza fil-5 ta' Novembru 2001 per. Onr. Imhallef Patrick Vella.

**Illi qabel ma' taghmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri ghandu jigi ribadit, jekk hemm bzonn, li l-Qorti ma hix tenuta li toqghod la fuq is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u lanqas fuq dawk imqanqla mid-difiza u wisq anqas mar-rapporti li jinsabu fil-process tal-ufficjali tal-Probation.**

Illi minghajr dubbju dak li ghamel l-imputat odjern fil-konfront tal-ex-siehba tieghu hu mill-aktar ikkundannabbli u haqqu l-akbar stmerrija. L-istess Qorti Kriminali f'dan il-kaz meta rrevokat il-helsien mill-arrest innutat li l-akkuzi fil-konfront tieghu kienu '**ta' natura serja hafna**'.[32] Di piu' l-attakk gratwit u gravi li ghamel l-imputat fuq l-ex-siehba tieghu Ilona Galea sar fil-prezenza ta' tifla ta' ftit snin li ukoll giet trawmatizzata b'dak li kien qed jigri quddiemha. Irid jinghad ukoll li dan l-incident ma damx biss ftit minuti, u li anki kieku hekk kien diga' ikun gravi, ahseb u ara meta dan l-incident ha tul konsiderevoli ta' hin. Ta' min ifakkar lill-imputat, li l-aggressjoni sehhet Bugibba u kompliet go l-ghassa ta' Bormla. Biss biss l-ufficjali tal-Pulizija jghidu li tal-anqas l-inkwiet gol-ghassa dam madwar 30 minuta u kellhom jintervjenu diversi pulizija biex jikkalmawh u jarrestawh u sahansitra kellu jigi immanettjat. DAN KOLLU MHUX ACCETTABBLI u hadd ma ghandu jistenna minn din il-Qorti li timxi mal-imputat b' id tal-harir meta anki il-griehi huma kklassifikati bhala serji!

Mhux hekk biss imma il-komportament tieghu fl-ghassa tal-pulizija ma huwa XEJN accettabbli. Il-membri tal-Korp tal-Pulizija qieghdin hemm biex jaghtu servizz u mhux biex jigu aggrediti, la verbalment u lanqas fizikament u jigu mghajjra u mhedda. Dan ma hux agir li ghandu jigi tollerat.

---

[32] Folio 37 tal-process.

Dan kollu l-Qorti temmen li ghandu jigi rifless fil-piena.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib l-imputat **HATI** tal-akkuzi taht l-artikoli 214, 95, 96, 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd), 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **MHUX HATI** tal-akkuzi taht l-artikoli 251B, 216, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peres li ma kienx hemm spejjez u lanqas hatra ta' periti f' dawn il-proceduri mhux ha tiehu l-ebda provvediment taht l-Artiklolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U in vista' tal-fattispeci kollha tal-kaz, inkluz ghal fatt tal-kondotta **mhux** nadifa tal-imputat kif ukoll il-gravita' tal-akkuzi li taghhom instab hati.[33] Hadet ukoll u irriflettiet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet u dak li qalghu l-ufficcjali tal-probation. Hadet ukoll nota tal-isforz li ghamel l-imputat matul dawn il-proceduri biex itejjeb is-sitwazzjoni. Il-Qorti tawspica li dan l-incident jibqa' wiehed isolat u li bi ftit ghaqal u b' aktar terapija l-imputat ikompli jikkontrolla bis-serjeta' il-problema akuta ta' rabja li ghandu f' sitwazzjonijiet meta jkun taht pressjoni.

Qiset ukoll li l-Qorti ghandha rwol li tibat messagg qawwi fis-socjeta' li l-individwi haqqhom rispett u imhabba u mhux agressjoni kif ukoll li kull individwu ghandu jikkopera **mill-ewwel** mal-ufficjali tal-pulizija. Thoss ghalhekk li ghandha tilqa' biss *in parte* dak sottomess

[33] Ara f' dan is-sens ukoll **Il-Pulizija (Spettur Sarah Kathleen Zerafa) vs Yarik Farrugia** (App. Nru. 452/2021) deciza fil-5 ta' April 2022 per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

mill-partijiet u mill-ufficjali tal-probation. Wara kollox jekk l-imputat ihoss li baqaghlu bzonn l-ghajnuna sta ghalih ladarba qed jiddikjara li ghandu hajja stabbli u li hu tal-affari tieghu li ifittex dik l-ghajnuna li jidhirlu li ghandu verament bzonn. Dan mhux biss tenut kont ta' dak dikjarat mill-istess difiza tieghu izda ukoll meta wiehed jikkunsidra l-eta' mhux adoloxxenti tieghu[34].

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li issib lill-imputat hati taht l-Artikoli 214, 95, 96, 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd), 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal piena ta' *sena habs* li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu *sospiza ghall-perjodu ta' erba' snin mil-lum* u inoltre qed tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef u hames mitt Ewro (€ 4,500) li ghandhom jithallsu b' rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€125) fix-xahar bl-ewwel pagament isir fl-1 ta' Marzu 2023 altrimenti konvertibbli f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.[35]

Barra minn dan biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Ilona Galea u l-Ispettur Eman Hayman kif ukoll sabiex jinzamm il-bon ordni flimkien mal-piena qed tobbliga lill-hati b' obbligazzjoni ta' **elf Ewro (€1000)** favur **Ilona Galea u favur l-Ispettur Eman Hayman kull wiehed** ghal perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qeghda wkoll tpoggi lill-imputat that Ordni ta' Trazzin a favur ta' Ilona Galea taht l-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tliet snin mil-lum.

---

[34] Fil-fatt mill-estratt tat-twelid prezentat jirrizulta li huwa ghandu kwazi 40 sena. Dunque, hu bniedem li suppost huwa assaj matur u responsabbli ta' ghemilu.

[35] Il-Qorti jidhrilha li ma ghandix timponi s-sanzjoni estrema ta' habs effettiv minhabba il-progress li jidher li ghamel matul dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi tal-istess.

**(ft)Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft)Angelo Buttigieg
Deputat Registratur